

32002D0747

L 242/44

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

10.9.2002

**ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI  
tad-9 ta' Settembru 2002**

**li tistabbilixxi kriterji ekoloġiku reveduti għall-premjazzjoni ta' eko-tikketta Komunitarja għall-bozzoz ta' l-elettriku u li tammendi d-Deċiżjoni 1999/568/KE**

(notifikat bid-dokument numru K(2002) 3310)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2002/747/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidraw Regolament (KE) Nru 1980/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Lulju 2000 dwar skema riveduta ta' premjazzjoni b'tikketta "eco" Komunitarja(1), u b'mod partikolari għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 6 (1) tiegħu,

Billi:

- (1) Taħt ir-Regolament (KE) No 1980/2000 l-Eko-tikketta Komunitarja tista tiġi mgħottija lill-prodotti li jippossjedu karatteristiki li tgħinjom jikkontribwixxu għal l-iżviluppi fir-rigward ta' l-aspetti importanti ta' l-ambjent.
- (2) Ir-Regolament (KE) No 1980/2000 jipprovdi li l-kriterji eko-tikketta speċifiki għandhom jiġu stabbiliti skond il-gruppi tal-prodotti.
- (3) Jipprovdi ukoll li r-reviżjoni tal-kriterji ta' l-eko-tikketta, kif ukoll l-istima u l-verifika tal-kondizzjonijiet meħtieġa/mitluba li jirrelataw ma' din il-kriterja, għandha issir fil-ħin/żmien dovut qabel it-tmiem tal-perjodu ta' validità tal-kriterja speċifikata għal kull grupp ta' prodotti. Din ir-reviżjoni għandha tirriżulta għall-proposta għat-titwil/tiġbid, ritirar jew revizzjoni.
- (4) Xieraq li nirvedu l-kriterji ekoloġiki li ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/568/KE tas-27 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi il-kriterji ekoloġiki għall-premjazzjoni ta' l-eko-tikketta Komunitarja tal-bozzoz ta' l-elettriku (2) ħalli b'dan il-mod jirriflettu l-iżviluppi mqiegħdha fis-suq. Fl-istess ħin/perjodu ta' validità ta' din id-Deċiżjoni u d-definizzjoni tal-grupp tal-prodott għandha tiġi modifikata.
- (5) Deċiżjoni ġdida tal-Kummissjoni għandha tiġi adottata biex tistabbilixxi l-kriterji ekoloġiki speċifiki għal dan il grupp ta' prodotti, li jkun validu għall-perjodu ta' erbà snin.
- (6) Huwa xieraq li, għall-perjodu ta' mhux aktar minn tnax-il xhar, kemm il-kriterji l-ġodda li ġew stabbiliti bid-Deċiżjoni 1999/568/KE għandhom ikunu validi/jgħoddu/jeżistu fl-istess ħin, sabiex kumpaniji li ġew premjati jew li applikaw għall-premju ta' eko-tikketta għall-prodotti tagħhom ikollhom biżżejjed żmien/ħin biex jadattaw dawk il-prodotti sabiex jikkonformaw/iħarsu il-kriterji l-ġodda.

- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma ibbażzati fuq l-abbozz tal-kriterji żviluppati mill-Bord ta' Eko-tikkettjar ta' l-Unjoni Ewropea stabbilit taħt l-Artikolu 13 tar-Regolament (KE) No 1980/2000.
- (8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni jaqblu ma' l-opinjoni tal-Kumitat maħtur permeżż ta' l-Artikolu 17 tar-Regolament (KE) No 1980/2000,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Sabiex tingħata/tiġi ippremjata/mgħottija eko-tikketta Komunitarja taħt ir-Regolament (KE) No 1980/2000, bozza ta' l-elettriku għandha taqa'/tiġi ikklassifikata fil-grupp ta' prodotti "bozzoz ta' l-elettriku" kif stabbilit fl-Artikolu 2, u għandu jħares il-kriterji ekoloġiki kif stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

1. Il-grupp ta' prodotti "bozzoz ta' l-elettriku" jinkludi:

"bozzoz ta' l-elettriku 'single-ended'": il-bozzoz ta' l-elettriku kollha li jipprovdu dawl għall-ħtiġijiet ġenerali u li huma mwaħħlin "single-ended", b' bajjunetta, bi skrun jew bil-labra. Il-bozzoz ta' l-elettriku jistgħu jiġu imqabda mall-provvista (jew forniture) publika ta' l-elettriku/tad-dawl.

"bozzoz ta' l-elettriku 'double-ended'": il-bozzoz ta' l-elettriku kollha li jipprovdu servizz ta' dawl b'mod in ġenerali u li jistgħu jiġu mwaħħlin miż-żewġ naħat. Din tinkludi, b'oġġettiv prinċipali, tubi lineari florexenti. Il-bozzoz ta' l-elettriku jistgħu jiġu imqabda mall-provvista (jew forniture) publika ta' l-elettriku/tad-dawl.

2. It-tip ta' bozzoz li ġejjin mhumiex inklużi f'dan il-grupp ta' prodotti: bozzoz florexenti kumpatti li għandhom saborra manjetika, lampi tal-proġettazzjoni, dawl fotografiku, tubi solarji.

*Artikolu 3*

Għall-raġunijiet amministrattivi n-numru in kodiċi assenjat lil dan il-grupp ta' prodotti ħa jkun "008".

*Artikolu 4*

L-Artikolu 3 tad- Deċiżjoni Nru 1999/568/KE huwa mibdul b'dan li ġej:

*"L-Artikolu 3*

Id-definizzjoni għal dan il-grupp ta' prodotti u l-kriterju speċifiku ekoloġiku għall-grupp ta' prodotti ħa jkun validu sal-31 ta' Awissu 2003."

(1) ĠU L 237, tal-21.9.2000, p. 1.

(2) ĠU L 216, ta' l-14.8.1999, p. 18.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni ħa taplika/tgħodd mill-1 ta' Settembru 2002 sal-31 ta' Awissu 2005. Jekk sal-31 ta' Awissu 2005 il-kriterji riveduti ma jkunux ġew addottati, din id-Deċiżjoni tibqa' tgħodd sal-31 ta' Awissu 2006.

Il-produtturi ta' prodotti li jaqgħu fil-grupp ta' prodotti "bozoz ta' l-elettriku" li diġà ġew premjati b'eko-tiketta qabel l-1 ta' Settembru 2002 jistgħu ikomplu jużaw din it-tiketta sal-31 ta' Awissu 2003.

Produtturi ta' prodotti li jaqgħu fil-grupp ta' prodotti "bozoz ta' l-elettriku" li diġà applikaw għall-għotja/premjazzjoni ta' eko-tiketta qabel l-1 ta' Settembru 2002 jistgħu jiġu mgħotija l-eko-tiketta taħt il-kondizzjonijiet tad-Deċiżjoni

Nru 1999/568/KE. F'dawn il-każijiet it-tikketta tista tiġi użata sal-31 ta' Awissu 2003.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fid-9 ta' Settembru 2002.

*Għall-Kummissjoni*

Margot WALLSTRÖM

*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX

## QAFAS

**L-għan tal-kriterji**

Dawn il-kriterji għandhom l-għan partikolari biex jipromwovu:

- ir-riduzzjoni tad-danni ambjentali u r-riskji relatati ma' l-użu ta' l-enerġija (riskaldament globali, aċidifikazzjoni, tnaqqis ta' reżorsi li jistgħu/jerġgħu jiġġeddu) billi tnaqqas il-konsum ta' l-enerġija,
- ir-riduzzjoni tad-danni ambjentali jew ir-riskji relatati ma' l-użu tar-reżorsi fil-manifattura/fabbriki kif ukoll fit-tratament/rimi ta' bozza ta' l-elettriku billi iżżidilha t-tul medju ta' ħajja,
- ir-riduzzjoni tad-danni ambjentali jew ir-riskji relatati ma' l-użu tal-merkurju billi tnaqqas l-emissjonijiet totali tal-merkurju waqt it-tul tal-ħajja ta' bozza ta' l-elettriku.

Il-kriterji jinkoraġġixxu ukoll l-implimentazzjoni ta' l-aħjar prattika (l-użu ottimali ta' l-ambjent) u jkabar il-valur ta' l-għarfien ambjentali tal-konsumatur. Il-kriterji huma mqiegħda fuq livelli li jipromwovu l-itikkettjar tal-bozoz ta' l-elettriku li huma ffabrikati/prodotti b'impatt ambjentali baxx.

**Stima u verifikazzjoni ta' kondizzjonijiet meħtieġa.**

L-istima speċifika u l-verifikazzjoni tal-kondizzjonijiet meħtieġa huma indikati ma' kull kriterju. It-testijiet għandhom isiru minn laboratorji bi kreditu/kredibilità xierqa jew laboratorji li jissodisfaw il-ħtiġijiet ġenerali kif espressi fl-*standard* EN ISO 17025 u li huma kompetenti sabiex jaġhmlu it-testijiet rilevanti.

Meta hemm il-ħtieġa li l-applikant jipprovi dikjarazzjonijiet, dokumentazzjoni, rapporti ta' testijiet ta' l-analiżi jew xiehda (jew prova) oħra lill-organu kompetenti li ħa jaġhmel stima ta' l-applikazzjoni sabiex turi l-qbil mal-kriterji, huwa mifhum li dawn jistgħu joriġinaw mill-applikant u/jew il-fornitur(i) tiegħu u/jew il-fornitur(i) tagħhom, eċċetera, kif inhu xieraq. L-organu kompetenti li qed jaġhmel stima ta' l-applikazzjoni jista' jaġhmel il-verifikazzjonijiet indipendenti.

Huwa rakkomandat li l-korpi/organi kompetenti jieħdu akkont ta' l-implimentazzjoni ta' skemi rikonoxxuti ta' l-amministrazzjoni ta' l-ambjent, bħall-EMAS jew l-ISO14001, meta qed jaġhmlu stima ta' l-applikazzjonijiet u jimmoniterjaw il-ħarsien tal-kriterji (*Nota:* Mhuwiex meħtieġ li jimplementaw dan it-tip ta' skemi ta' amministrazzjoni).

**KRITERJA****1. L-effiċenza ta' l-enerġija, tul ta' ħajja, il-manteniment tal-lumen u l-kontenut tal-merkurju.**

Bozoz ta' l-elettriku "single-ended" għandhom jaqblu mall-kondizzjonijiet li ġejjin:

	"Single-ended" b'saborra integrali (lampi kumpatti florexenti)	"Single-ended" mingħajr saborra integrali (lampi b'bażi ta' labra)
L-effiċenza ta' l-enerġija	Klassi A	Klassi A jew B
Tul ta' ħajja	il-fuq minn 10 000 siegħa	il-fuq minn 10 000 siegħa
Il-manteniment tal-lumen	il-fuq minn 70 % għal 10 000 siegħa	il-fuq minn 80 % għal 9 000 siegħa
Kontenut medju tal-merkurju	massimu ta' 4,0 mg	massimu ta' 4,0 mg

Bozoz "double-ended" iridu jaqblu mall-kondizzjonijiet li ġejjin:

	"Double-ended" ħajja normali	"Double-ended", ħajja twila
L-effiċenza ta' l-enerġija	Klassi A	Klassi A
Tul ta' ħajja	il-fuq minn 12 500 siegħa	il-fuq minn 20 000 siegħa
Manteniment tal-lumen	il-fuq minn 90 % għal 12 500 siegħa	il-fuq minn 90 % għal 20 000 siegħa
Kontenut medju tal-merkurju	massimu ta' 5,0 mg	massimu ta' 8,0 mg

Nota: L-effiċenza ta' l-enerġija huwa kif definit fl-Anness IV tad-Direttiva tal-Kummissjoni 98/11/KE tas-27 ta' Jannar 1998 li timplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 92/75/KEE għar-rigward ta' l-itikkettjar ta' l-enerġija għall-lampi tad-dar <sup>(1)</sup>.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant għandu jipprovdi prova tar-rapport li jgħid li l-effiċenza ta' l-enerġija, it-tul ta' ħajja u l-manteniment tal-lumen tal-bozza ta' l-elettriku kienu determinati billi intużat il-proċedura tal-prova msemmija fl-EN 50285. Ir-rapport irid jiddikjara l-effiċenza ta' l-enerġija, it-tul ta' ħajja u l-manteniment tal-lumen tal-bozzoz ta' l-elettriku. Jekk il-prova xierqa tat-tul ta' ħajja għadha ma tlestietx, il-pjan operazzjonali tat-tul ta' ħajja kif iddikjarat fuq il-pakett huwa aċċettabli sakemm joħroġ ir-riżultat tal-prova. Madankollu, ir-riżultat tal-prova irid jingħata fi żmien 12-il xhar mid-data ta' l-applikazzjoni għal l-eko-tiketeta.

L-applikant għandu jipprovdi rapport ta' prova fejn jiddikjara li l-kontenut tal-merkurju ġie mkejjel bl-użu tal-metodu deskritt hawn taħt. Ir-rapport għandu jiddikjara il-kontenut medju ta' merkurju, ikkalkulat mill-analiżi ta' għaxar lampi, imbagħad tħassar l-ogħla u lanqas valuri qabel ma tikkakkula l-medja aritmetika tal-bqija tat-tmien valuri.

Il-mezz ta' prova għall-kontenut ta' merkurju huwa dan li ġej. L-ewwel t-tubu tal-lampa elettrika hi separata mill-lastku ta' madwarha u l-eletronika assoċjata magħha. Il-wajer taċ-ċomb assoċjati miegħu huma maqtugħin viċin kemm jista' jkun tas-siġil tal-ħġieġ. It-tubu tal-lampa huwa meħud ġo armarju tad-dħaħen u huwa maqtugħ f'biċċiet. Il-biċċiet huma mqegħda ġo flixkun bl-għatu bi skrun tal-lastku robust tad-daqs xieraq li miegħu hemm

miżjud ballun/sfera tal-porċellana ta' pulzir u 25ml ta' aċidu nitriku kkonċentrat u ta' purita għolja (70 %). Il-flixkun hu ssiġilat u mħallat għal fit minuti biex tnaqqas it-tubu tal-lampa għad-daqs fin tal-partiċelli, hu minn ħin għall-ieħor il-plug/tapp jinħall sabiex tellimina l-possibilita' li jkun hemm *build-up* tal-pessjoni. Għal 30 minuta l-kontenuti tal-flixkun jitħallew jirreaġixxu matul liema ħin il-kontenuti tal-flixkun huma mħaltin minn ħin għall-ieħor. Il-kontenut tal-flixkun huwa mbagħad infiltrat minn ġo filtru tal-karta reziztenti għall-aċidu u miġbur ġo flixkun ta' 100ml li għandu arranġament/klassefikazzjoni fi gradi skond l-ammont volumetrik. Potassju dikromatiku huwa miżjud għal ġol-flixkun sabiex il-konċentrazzjoni finali hi 1 000 ppm meta imqabbel mal-kromju. Il-flixkun għandhu imbagħad jintela' b' ilma pur. L-*standards* huma mqablin fuq skema ta' konċentrat sa 200 ppm ta' merkurju. Is-soluzzjonijiet huma analiżati bl-użu ta' assorbiment atomiku tan-nar b' "*wavelength*" ta' 253,7 nm bil-korrezzjoni ta' l-isfond mixgħul. Mir-riżultati miksuba u l-għerf tal-volum tal-likwidu, il-kontenut oriġinali tal-merkurju tal-bozza ta' l-elettriku jista' jiġi maħdum/ikkalkulat. L-organi kompetenti jistgħu jifthemu sabiex jsiru adattamenti għad-dettalji tal-metodu ta' prova jekk huma meħtieġa għar-raġunijiet tekniċi, u dawn għandhom jiġu applikati b' mod konsistenti.

## 2. Ixgħel/itfi

Għall-bozzoz floroxzenti kumpatti (*compact fluorescent lamps*) (CFLs), in-numru ta' ċikli li wieħed jixgħel u/jitfi irid ikun aktar minn 20 000.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant irid jipprovdi rapport ta' prova li jgħid li n-numru li wieħed xegħel/tefa' għall-CFL ġie determinat billi ntuża prova rapida ta' ċiklu (0,5 minuta mixgħul, 4,5 minuti mitfi) u l-metodi ta' prova għat-tul ta' ħajja referiti fl-EN 50285. Ir-rapport irid jiddikjara n-numru ta' ċikli titfi/tixgħel milħuqin meta 50 % taċ-CFLs ittestjati laħqu r-rekwiżiti għat-tul ta' ħajja tal-lampa kif referiti fl-EN 50285.

## 3. Indiċi ta' l-interpretazzjoni

L-indiċi tal-kulur tal-bozza ta' l-elettriku (Ra) irid ikun ikbar minn 80.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant irid jipprovdi rapport li jgħid/jipprova li l-indiċi tal-kulur tal-bozza ġie dterminat bl-użu tal-proċedura referita ġo CIE-*standard/publication* 29/2. Ir-rapport irid jiddikjara l-indiċi tal-kulur tal-bozza ta' l-elettriku.

## 4. Iżżomm lura l-fjamma

(a) Partijiet tal-lastku li jiżnu l-fuq minn 5 g ma jridx jkun fihom il-"*flame retardants*" li ġejjin:

Isem	SAK Numru
Decabromodiphenyl	13654-09-6
Etere Monobromodiphenyl	101-55-3
Etere Dibromodiphenyl	2050-47-7
Etere Tribromodiphenyl	49690-94-0
Etere Tetrabromodiphenyl	40088-47-9
Etere Pentabromodiphenyl	32534-81-9

<sup>(1)</sup> ĠU L 71, ta' l-10.3.1998, p. 1.

Isem	SAK Numru
Etere Hexabromodiphenyl	36483-60-0
Etere Heptabromodiphenyl	68928-80-3
Etere Octabromodiphenyl	32536-52-0
Etere Nonabromodiphenyl	63936-56-1
Etere Decabromodiphenyl	1163-19-5
Chloroparaffins bit-tul ta' katina 10-13 C atomi, kontenut tal-kloru > 50 % bil-peżati	85535-84-8

- (b) Partijiet tal-lastiku li jiżnu l-fuq minn 5 g ma jistgħux jikkonsistu minn sostanzi “*flame retardant*” jew preparazzjonijiet li jikkonsistu minn sostanzi li jiġu assenjati fiż-żmien ta' applikazzjoni tal-fażijiet tar-riskju li ġejjin (jew taqħqid minn dawn):

- R45 (jista' jirriżulta f'kankru)
- R46 (jista' jikkawża danni ġenetiċi eredarji)
- R50 (tossiċi ħafna għal l-organiżmi tal-baħar)
- R51 (tossiċi għal l-organiżmi akwatiċi/tal-baħar)
- R52 (ta' dannu għal l-organiżmi akwatiċi/tal-baħar)
- R53 (jistgħu jikkawżaw effetti avversarji fuq medda twila ta' żmien ġo l-ambjent akwaticu)
- R60 (jista' ifixkel il-fertilita')
- R61 (jista' jikkawża dannu lill-tarbija li għadha ma twelditx)

kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967 fuq l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrativi relatati mal-klassifikazzjoni, l-ippakettjar u l-ittikkettjar ta' sostanzi perikolużi <sup>(1)</sup> u l-ammendi ta' wara.

Stima u verifikazzjoni: L-applikant irid jiddikjara l-ħarsien tal-prodott ma' dawn il-rekwiżiti.

#### 5. Pakketti/Kontenituri

Plastika laminata jew komposta m'għandhomx jintużaw.

Għall-bozoz ta' l-elettriku “*single-ended*”, il-pakett tal-kartun irid jkun fih minimu ta' 65 % materjal riċiklat (piż).

Għall-bozoz ta' l-elettriku “*double-ended*”, il-pakett tal-kartun irid jkun fih minimu ta' 80 % materjal riċiklat (piż).

Stima u verifikazzjoni: L-applikant irid jiddikjara l-ħarsien tal-prodott ma' dawn il-rekwiżiti.

#### 6. Istruzzjonijiet għal l-utent

Il-prodott irid jinbiegħ bl-informazzjoni rilevanti għal l-utent li jipprovdi kunsill fuq l-użu favur l-ambjent. B'mod partikolari:

- (a) Informazzjoni (simbolu bl-istampi jew xort' oħra) fuq il-pakketti irid juri il-kondizzjonijiet xierqa biex tarmiġ, kif ukoll ir-rekwiżiti tar-regolamenti.
- (b) Għall-bozoz ta' l-elettriku “*single-ended*”: iridu jiġu ttikkettjati, u d-daqs relattiv u l-forma tal-bozza ta' l-elettriku kkomparat ma lampa konvenzjonali inkandexxenti iridu ikunu indikati fuq il-pakkett.
- (c) Għall-bozoz ta' l-elettriku “*double-ended*”: informazzjoni fuq il-pakkett irid jindika li l-prestazzjoni ambjentali tal-bozza ta' l-elettriku jitjeb meta jiġi użat flimkien ma tagħmir ikkontrolat eletronikament b'frekwenza għolja.
- (d) Il-pakkett tal-prodott irid jindika li iktar informazzjoni fuq l-eko-tikketta jista' jinsab fuq l-indirizz tal-website: <http://europa.eu.int/ecolabel>.

Stima u verifikazzjoni: L-applikant għandhu jiddikjara l-ħarsien tal-prodott ma dawn il-kondizzjonijiet meħtieġa, u irid/għandu jipprovdi kopja ta' l-ippakettjar lill-awtorita'/korp kompetenti li ħa jagħmel stima ta' l-applikazzjoni.

#### 7. Informazzjoni li għandha tidher fuq l-eko-tikketta

Kaxxa 2 ta' l-eko tikketta irid jinkludi l-materjal stampat li ġejjin:

“Eergija b'effiċenza għolja

Tul ta' ħajja twila”

(1) ĠU C 196 of tas-16.8.1967, p. 1.

Jekk il-bozza ta' l-elettriku ma fhiex merkurju, Kaxxa 2 ta' l-eko-tikketta tista tindika li l-bozza ta' l-elettriku ma fhiex merkurju.

*Stima u verifikazzjoni:* L-applikant jrid jidkjara l-ħarsien tal-prodott ma' din il-kondizzjoni meħtieġa, u irid jipprovdi kopja ta' l-eko tikketta kif tidher fuq il-pakett u/jew il-prodott lill-korp kompetenti li ħa tagħmel stima ta' l-applikazzjoni.

---